MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1156/2005

**Maltacom plc C 22334**

**vs**

**Sensa Limited C 24999**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Mejju 2005, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf, tlett mija u sittax-il lira Maltija u seba’ centezmi (Lm1316.07) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni nan-numri tat-telefon 21447683, 21484289 u 21447686 (klijent numru 1064627 Dos 1,2,3,) u liema servizz gie installat fil-fond 18, Triq il-Parilja, Santa Venera;

Din it-talba qed tigi ntavolata stante li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsitx nonostante li sarulha diversi nterpellanzi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta Ottubru 2001 meta sar l-ahhar pagament kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta in subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-30 ta Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf tliet mija u sittax il-lira Maltija u seba’ centezmi (Lm1316.07) bl-imghaxijiet legali dekorribbli kif rikjesti u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------